MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KEVIN MOMPALAO

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2015

Talba Numru. 42/2014

**Joline sive Jolene Pace**

**Vs**

**Simon Pace**

**It-Tribunal:-**

Ra l-avviz tat-talba prezentat fit-23 ta’ Dicembru 2014 li permezz tieghu l-attrici tablet hlas minn ghand zewgha l-konvenut fis-somma ta’ mitejn u tlieta u tmenin Ewro u sebgha u hamsin centezmu (€283.57) rapprezentanti nofs l-ispejjes ta’ sahha u edukazzjoni tal-minuri Gillian Pace skond kif ordnat b’digriet tal-Qorti kompetenti tat-13 ta’ Awissu 2014. Bl-ispejjes kif mitlub.

Il-konvenut laqgha ghal din it-talba billi irrikonoxxa li huwa ghandu jaghti l-ammont mitlub pero tali ammont ghandu jigi pacut ma ammont superjuri dovut lilu ghal l-istess skop, cioe nofs l-ispejjes ta’ sahha u edukazzjoni tal-bint minuri ghal perjodu ta’ zmien li din kienet qed tghix mieghu. Qal ghalhekk li din il-kawza hi wahda inutli u ghalhekk ma ghandux ibghati spejjes.

In segwitu huwa prezenta konro talba fejn irreklama minn ghand l-attrici s-somma ta’ tlett mija u sebgha u erbghin ewro (€347) ghal l-iskop fuq imsemmi; fejn qal illi

wara li jitnaqqas l-ammont li qed titlob l-attrici din jibqala ittieh tlieta u sittin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€ 63.43). Bl-imghaxijiet.

Ra’ r-risposta ta’ l-attrici rikonvenzjonata ghal din il-kontro talba fejn intqal illi l-pretensjoni tal-konvenut hi infondata; illi dan qatt ma kellu favorih digriet ta’ manteniment u in oltre l-konvenut rikonvenzjonant qatt ma provda ricevuti u spjegazzjoni ta’ l-ammont minnu reklamat.

Ra’ l-atti kollha u d-dokumenti kollha esebiti.

Sema’ x-xhieda bil-gurament u ra’ t-traskrizzjonijiet ta’ l-istess xhieda.

Ra’ d-digrieti kollha tieghu nkluz dak tad-disgha u ghoxrin (29) ta’ April tas-sena elfejn u hmistax (2015 ) li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi dwar it-talba attrici ma hemmx x’jigi indagat ghaliex il-konvenut inniffsu qed jaqbel illi dan l-ammont hu dovut lill-attrici.

Li jrid jigi ezaminat huwa jekk l-ammont reklamat fil-kontro talba hux dovut u ghalhekk dan ipacix dak mitlub minn l-attrici.

Ma jirrizultax illi hemm kontestazzjoni illi effettivament l-ispejjes reklamati fil-kontro talba attwalment intefqu. Dan it-Tribunal huwa konvint illi dawn intefqu fl-interess tal-minuri.

Jista jkun hemm xi spejjes li ma jikkwalifikawx purament bhala spejjes ta’ sahha edukazzjoni jew ghal attivitajiet extrakurrikulari tal-minuri.

Mhux kontestat li fi zmien li fih saru l-ispejjes mill-missier l-partijiet kienu gia separati de facto, u li fl-istess zmien il-minuri kienet qed tabita mal-missier.

L-attrici tirrezisti din il-kontro talba billi tghid illi ma kien hemm l-ebda digriet favur il-missier sabiex jirkupra nofs dawn l-ispejjes.

Izda dan it-Tribunal jemmen illi f’dawn ic-cirkostanzi l-obbligu ta’ l-omm ma ghandux ghalfejn johrog minn xi digiret. Apparti li din hija obbligazzjoni morali u naturali ta’ kull genitur, din tohrog ukoll mil-ligi innifisha meta fl-artikolu 7 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta) fejn jinghad illi *7. (1) Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, igħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit flartikolu 3B*. Min naha l-ohra l-artikolu 3B tal-istess kodici Civili jipprovdi:- *3B. (1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.*

Dan kollu ftit ihalli dubbju fuq l-obbligi li ghandha l-omm f'cirkostanzi bhal dawn. In-necessitajiet ta' l-ulied ma ghandhomx jistennew digrieti; u kien korrett il-missier li provda dak kollu li kienet tehtieg bintu minkejja li ma kienx hemm digriet. Izda jidher li l-omm ghax ghandha digriet qed tippretendi li hi tithallas nofs dak li nefqet ghal bintha filwaqt li il-missier jbaghti dak li nefaq kollox wahdu. Eccezzjonijeit bhal dawn igibu l-istmerrija ta' din it-Tribunal.

Dan it-Tribunal wara li ezamina l-ircevuti prezentati mill-missier u peress illi kif diga ntqal aktar il-fuq, hemm ricevuti li ma humiex spjegati jew li ma jirreferux purament ghal spejjes ta' sahha, edukazzjoni jew attivitajiet extra kurrikulari, qieghed arbitrio boni viri jirreduci l-istess ammont dovut, ghal dak pretiz minn l-attrici. B'mod illi z-zewgt krediti jinnewtralizzaw lil xulxin.

Ghal dawn il-motivi dan it-Tribuunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jichad it-talbiet attrici stante illi l-ammont dovut lilha ghandhu jigi pacut ma ammont ekwivalneti li qed jigi likwidat fil-kontro talba li qed tintlaqa limitatament f'dan is-sens b'mod illi l-ebda parti ma ghandha tiehu minn ghand l-ohra. L-ispejjes tal-kawza originali jithallsu kollha minn l-attrici filwaqt illi dawk tal-kontro talba jithallsu kwantu ghal 3/4 minn l-attrici u 1/4 mill-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------